Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 38**
**It-Tlieta 26 ta'April 2022**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jean Claude Borg : Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**38.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

38.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tas-Sur Jean Claude Borg li talab li jkun skużat, ghalkemm ghas-6pm inghqad online.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

38.2.01 Il-Minuti ta’Seduti L8-37 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

38.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Kommunikazzjoni mill-GreenPak li għarrfet lill kunsilli lokali li ma setgħetx tordna boroż ta 'riċiklaġġ bl-ingrossa kif ilha tagħmel għal dawn l-aħħar għaxar snin minħabba bosta ċirkostanzi varji fosthom It-tnaqqis internazzjonali fl-attività ekonomika wassal għal żidiet straordinarji fil-prezzijiet speċjalment, fl-ispejjeż tal-materja prima u tat-tbaħħir. Ma dawn kien hemm diffikultajiet oħra li komplew jiġu aggravati minn dikjarazzjonijiet pubbliċi reċenti ta' bidliet imminenti fil-kulur tal-boroż tar-riċiklaġġ, il-grad tat-trasparenza tagħhom kif ukoll bidla fil-materjal li minnu jsiru l-boroż. Minbarra din il-komplikazzjoni lokali, GreenPak kellha wkoll problema ta'dħul finanzjarju tagħha li kien kompromess serjament minn azzjonijiet mhux ġustifikati meħuda mill-Wasteserv, sitwazzjoni li sal-lum ġiet indirizzata biss parzjalment. Konsegwentement, GreenPak spiċċat mingħajr stokk ta'boroż li kienet tagħti lill pubbliku b'xejn. Madankollu, GreenPak se tkompli ssegwi l-avvenimenti, u ladarba jerġa' jsir fattibbli li jinxtraw boroż tar-riċiklaġġ f'livelli ta' prezzijiet aċċettabbli, se targa' tibda d-distribuzzjoni b'xejn.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat ukoll li b'rabta ma'dan in-nuqqas L-AKL għarrfet lill Kunsilli Lokali permezz ta' Ċirkulari AKL 2022/041 li ħarġet Press Call dwar nuqqas ta’ tqassim tal-boroż ħodor jew griżi li jitqassmu mill-Kunsilli Lokali b’ xejn lir-residenti sabiex jintużaw għas-separazzjoni tal-iskart. Din saret biex tinforma lir-residenti kollha dwar il-problema u biex tispjega li din hija ċirkostanza li l-kunsilli lokali m’għandhomx kontroll fuqha. L-AKL se tkun qed tkompli tagħmel pressjoni f’ isem il-Kunsilli Lokali , fuq dawn l-iskemi privati sabiex is-servizz meħtieġ jibqa’ kif mistenni. Filwaqt li l-Assoċjazzjoni se tkun qed tesplora wkoll possibiltajiet oħra anki mal-WasteServ, sabiex dan is-servizz ikun jista’ jibqa’ jingħata fil-futur tħeġġeġ ukoll lill pubbliku sabiex jibqa’ juri responsabbiltà’ ċivili li dejjem wera u jagħmel l-almu tiegħu biex ikompli jagħżel l-iskart domestiku minkejja dan in-nuqqas min-naħa tal-iskemi.

38.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret li b'seħħ minn Jannar 2022 kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tar-Reġjun kif ukoll tal-Presidenza. Għal din ir-raġuni kull Sindku, Viċi Sindku jew Kunsillier f'ħdan ir-Regjun Ivant huwa mitlub biex jimla l-formola ta' kunsens tal-GDPR biex tkun aġġornata id-database. Għalhekk dawk li għad irridu jimlew il-formola huma mitluba biex jagħmlu dan.

38.3.03 B'referenza għal direttiva 4/2021,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar proġett tal-ICT fil-kunsilli lokali u Reġjonali fejn spjegat li id-Diviżjoni qed tipprepara sabiex jiġi mplimentat il-proġett sabiex kull kunsill jkollu infrastruttura ta'network ta'livell u li tilqa għal kull sistema diġitali f'l-għaxar snin li ġejjin. Għalhekk fil-ġranet li għaddew il-kuntrattur tal-ICT Services għamel kuntatt u ġie il-kunsill sabiex jiġi jara l-binja ħalli jkun jista' jitniehed l-proġett ta' upgrading ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

38.3.04 B'referenza għal SPI/SCI/1/2021 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021 fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet fuq il-post mal-perit inkarigat biex jaraw x'hemm bżonn ssir biex tidħol l-applikazzjoni għand il-P.A għar-restawr ta' l-Għajn tal-Ħasselin minn barra kif ukoll minn ġewwa mill-aktar fis possibbli, fil-waqt li jsiru surveys tal-binja minn ġewwa bl-użu ta' passarelli temporanji. Ġie diskuss ukoll il-possibbiltà' li ssir l-kollaborazzjoni ma' dipartimenti oħra, fosthom tal-Cleansing and Maintenance, sabiex il-proġett ikun iktar holistiku.

Sospensjoni tas-seduta

Is-Sur Emanuel Brincat talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta'silenzju b'rispett għal memorja tal-Professur John Rizzo Naudi li għada għal ħajja ta'dejjem.
Il-kunsilliera preżenti osservaw Minuta Silenzju.

**38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

38.4.01 B'referenza għal-minuti 37.3.01,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill ikkonsulta mal-perit biex tibda ssir l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-PA Ring-Fencing biex ssir il-proġett ta' estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

38.4.02 B'referenza għall-minuti 37.4.01, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-progress għall-Byelaw tal-Iskal.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li l-kunsill issa għandu il-pjanta biex jibda jiddiskuti dwar il-qies massimu ta'dgħajjes li jistgħu jagħmlu uzu mill-Iskall u jiddeċiedi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar bosta kummenti żejda li qed jkun hemm min x'wħud għax ma' jistgħux jitnizzlu id-dgħajjes minħabba ix-xogħol li qed ssir fuq l-iskall. Hawn spjegat li min qed jieħu ħsieb il-proġett fejn hu possibbli qed jiftiehem u jagħmel arranġament biex min għandu bżonn jinqeda iżda dawn ma'jistgħux joqgħodu jippretendu li kollox iddur magħhom u jieqaf il-proġett għalihom qiesu ma' hawnx post ieħor go Malta minn fejn tniżżel dgħajsa.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kontinwazzjoni ta'diskussjoni fuq il-Byelaw relatata hija skedata għas-seduta li jmiss għalhekk se jipprovdi kopja tal-pjanta msemmija mal-aġenda.

38.4.03 B'referenza għal minuti 37.4.11, Is-Sindku għarfet lill Kunsilliera preżenti li fit-12 ta'April ,il-Public Contracts Review Board sejjaħ is-seduta tal-appell għad-deċiżjoni dwar '' KLMsd/TDR/01/2021 - Tender for the Collection of Residential Bulky Refuse and Fly Tipping … ''.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta'spjegazzjoni ta' kif  Il-bord ibbaża il-kunsiderazzjonijiet tiegħu wara li sema l-partijiet konċernati u evalwa, id-dokumenti u raġunijiet preżentati fejn ikkonkluda u iddeċieda li ma jilqax l-Ittra b' l-oġġezzjonijiet tal-appellant fejn dan tilef id-depożitu mħallas u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità Kontrattwali fir-rakkomandazzjoni għall-għoti tal-offerta. Hawn kompla jispjega li ir-regolamenti jippermettu lill-appellant biex jippreżenta rikors fil-Qorti f'żmien għoxrin ġurnata mid-data ta'deċiżjoni għalhekk il-kunsill ma'jistax jagħti l-kuntratt iżda jrid jistenna u jimxi skond dak li se jsir f'dan il-perjodu.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew bosta punti fosthom il-perjodu tal-kuntratt u l-estensjonijiet, superviżjoni tas-servizz kif speċifikat fis-sejħa inkluż il-penali u l-ħtieġa li l-kunsill għandu jmur mal-ewwel biex l-skeda tipprovdi ukoll għal-fly tipping flimkien ma'aktar ġranet ta'ġbir inkluż l-Erbgħa u is-Sibt.

38.4.04 Is-Sur Maurice Agius reġa' ġibed l-attenzjoni dwar il-kolletturi tal-iskart li xorta għadhom qed imorru u jiġbru il-boroż fil-kantunieri u jostakolaw il-passaġġ tal-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li għal darba oħra se jerġa jkellem lill kuntrattur.

38.4.05 B'referenza għal minuti 37.4.15, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit ġie ikkonsultat u se jara jekk il-problema msemmija go Triq Guze Ellul Mercer, tistax tkun solvuta aħjar jekk  t'għola il-kurduna minflok il- gandott bl-isprall.

38.4.06 B'referenza għal minuti 37.4.17 dwar l-attivitajiet kulturali fil-ġimgħa mqaddsa, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-wirja sagra fil-bini amministrattiv tal-kunsill saret kif skedata u  l-purċissjoni tat-tfal bil-vari saret ġurnata aktar tard fit-12 ta'April fil-11:00. Iżda l-mixegħla go Misraħ San Guzepp f'Ħamis ix-Xirka ġiet kanċellata minħabba avviż ta'riħ qawwi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-purċissjoni ta'tfal li saret għal l-ewwel darba fejn jidher li din intlaqgħet tajjeb ħafna. Hawn spjegat li waslu bosta kummenti pożittivi dwar dawn l-attivitajiet li jawgura tajjeb għal kalendarju tas-sena dieħla

38.4.07 B'referenza għal minuti 37.5.04,Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar il- power wash fuq is-central strip ta' Triq L-Zamenhof.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu qed jara kif dan ix-xogħol se jsir Inkluż Triq J. Borg.

Saret diskussjoni fuq is-suġġett fejn is-Sur Nicholas Chircop semma il-bankina quddiem il-każin tal-Banda filwaqt li s-Sur Emanuel Brincat ssuġġerixxa li l-pjazza go Misraħ San Guzepp għanda ssir ukoll u ppropona biex il-kunsill ifittex min jista' jagħmel dan ix-xogħol u jitlob stima.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament

38.4.08 B'referenza għal-minuti 37.5.05 , Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar id-dawl mal-faċċata tal-blokka go Triq L. Zamenhof għax issa ilu żmien twil għaddejja.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma'sar l-ebda progress mis-seduta preċedenti filwaqt li ma' jistax jaqbad u jagħmel l-nstallazzjoni ta'dawl mingħajr il-kunsens tas-sid il-propjetà.

38.4.09 B'referenza għal-minuti 37.5.06 dwar bins li jostakolaw il-passaġġ fuq il-bankina, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk ġewx mitkellma is-sidien tal-attivitajiet kummerċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jipprepara draft ta'ittra uffiċjali fejn spjega li din se jmur huwa jdur biex fejn ssib ikellem lis-sidien u fl-istess ħin jgħaddi l-ittra.

38.4.10 B'referenza għal-minuti 37.5.08, Is-Sur Nicholas Chircop staqsa jekk hemmx kollox konfermat mal-impjegata konċernata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-impjegata ġiet infurmata li it-talba tagħha ġiet approvata.

38.4.11 B'referenza għall-minuti 34.4.02 dwar il-funtana go Triq D'Argen, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li d-Direttur Ġenerali (Xogħol u Infrastruttura ) f'ħdan l-MPWP-PWD, informa lill Kunsill Lokali li ser issir liquid membrane peress li l-funtana mhux qed iżżomm l-ilma. Fl-istess komunikazzjoni għarrfu wkoll li fil-Monument tal-Ħaddiem b'referenza għal minuti 15.4.15, ser jiġu installati tankijiet biex iservu ta' riserva filwaqt li l-preparamenti għal dan ix-xogħol għaddejjin.

38.4.12 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem fuq il-bankina ta' Triq Prinċipessa Margerita. B'referenza għal- minuti 29.5.12 dwar xogħol li sar marbut ma PA/00876/17 fejn ir-rampa saret b'xaqliba li ma hiex tajba biex jgħaddu n-nies minn fuqha. Hawn staqsa meta din is-sidien ta'showroom se jieħdu ħsieb jirranġaw u jekk hux qed ssir pressjoni fuqhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jkellem lill-perit biex jara għala din il-kumpanija għada ma'għamlitx it-tibdil li kien diskuss u biex jieħu ħsieb jara li ssir pressjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għadda żmien biżżejjed u ppropona li jekk din ma'ssirx il-kunsill għandu jieħu parir legali biex imexxi l-każ bil-qorti

**38.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

38.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar kif fil-mument bosta restrizzjonijiet relatati mal-Covid 19 qed jieqfu għalhekk wasal iż-żmien biex jibdew issiru preparamenti għal programm ta' attivitajiet annwali Sajf fil-Pjazza.

Is-Sur Nicholas Chircop staqsa dwar il-possibilità li l-programm ikun abbinat ukoll ma' logħob għat-tfal.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jibdew il-preparamenti għal programm.

38.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-permessi għal attivitajiet relatati mal-festa lokali li se tkun fil-ġimgha ta' bejn il-11 u 17 ta'Lulju. Hawn għarfet lill kunsilliera preżenti li ġa saru talbiet mill-Kumissjoni żagħżagħ Ġużeppini għal tlett attivitajiet ta'car wash matul is-Sibt u il-Hadd ta' 28/29 ta'Mejju,11/12 ta'Ġunju u 2/3 ta'Lulju b'risq il-festa lokali. Saret ukoll talba għal permess biex bħal kull sena ssir il-BBQ is-Sibt 9 ta' Lulju wara il-Ġnien ta'Misraħ San Guzepp

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament. B' l-Istess kundizzjonijiet ta'snin precedent.

38.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il- preparamenti għal programm ta' attivitajiet għal Jum l-Imsida li se jiġi il-Ġimgħa 9 ta'Lulju.

Is-Sur Maurice Agius issuġġerixxa biex din is-sena tingħata lill aktar minn nomina waħda peress li din ma'saritx fis-snin preċedenti minħabba il-Covid 19.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għalkemm ma'sarux attivitajiet relatati ma'jum jew l-premju ġieħ L-Imsida xorta kien hemm preżentazzjoni ta'rikonoxximent lill individwi jew fil-kollettiv bħala apprezzament għax xogħol b'risq il-komunità lokali jew nazzjonali. Għalhekk dan xorta jiddependi mill-mertu ta'dawk il-persuni nominati.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw li jista joħroġ l-avviż għan-nomini. Wara jista' bħas- snin ta'qabel jinħatar il-bord tal-għażla filwaqt li għandu jiġi preparat il-programm għal Ġimgħa ta'Jum L-Imsida

38.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti li f'dawn l-aħħar ġimghat il-Van tal-kunsill kellu jittieħed għal diversi tiswijiet fejn għal bosta ġranet ma'setax ssir ċertu xogħol ta'manutenzjoni jew xogħolijiet oħra skond il-ħtieġa. Filwaqt li din il-vettura issa serviet għal bosta snin, wasal iż-żmien li l-kunsill b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta'rutina tiegħu jibda jaħseb biex jixtri van ieħor.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar skemi finanzjarji għal vetturi tal-elettriku u ppropona biex il-kunsill jikkunsidra xiri ta'vettura simili bħal ma'għandhom kunsilli oħra biex ir-residenti anzjani jinqdew aħjar b'mod speċjali għal Mater Dei.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għal dan l-skop ġa'hemm is-servizz tas-SilverT fejn spjegat li għal l-Imsida sar ftehim li jinkludi vjaġġi għal Mater Dei. Hawn kompliet tispjega li fil-każ tal-Pieta' fejn dawn jużaw l-vettura kienet ġiet minn kompetizzjoni li nediet T.M għal proposti ta' vjaġġar sostenibbli.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għalkemm jaqbel li l-kunsill għandu jikkunsidra dawn l-skemi finanzjarji l-prezz ta'vettura tal-elettriku huwa għoli u trid tagħmel tender filwaqt li l-kunsill għandu bżonn immedjat ta'van għal manutenzjoni u garr ta'tagħbija. Hawn spjega li fil-limiti ta'dak permess b'stima fis-suq hemm għażla bejn bosta vetturi wżati li huma impurtati, addattati għal l-skop u Euro V jew VI. Għalhekk qed jipproponi biex ikunu kunsidrat van għal manutenzjoni u garr ta'materjal relatat u f' l-stess ħin għandu jaħseb biex jkun hemm ukoll vettura tal-elettriku għal trasport ta'nies jew qadi amministrattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lil kunsilliera li dan is-suġġett ġa ġie diskuss f'seduti oħra, Huwa inkluż fil-pjan ta'ħidma għal matul din il-leġislatura, Hemm provediment fl-Estimi finanzjarji għal din is-sena għalhekk ġa hemm fondi allokati li jistgħu jkunu supplimentari b'waħda mill-iskemi finanzjarji msemmija għalhekk il kunsill jista' jikkunsidra u jiddeċiedi skond dak li hemm bżonn.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-proposti ghall- akkwist ta'żewġt vetturi.

38.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'ċirkulari SPI.SCI.4.2022 - Korsijiet Life Long Learning 2022/2023,fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li bħal kull sena din il-komunikazzjoni tiġi ċirkolata bil-kollaborazzjoni mad-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita' (DRLLE). L-Għan ta' din il kollaborazzjoni huwa li, permezz tal-Kunsilli Reġjonali/Lokali, ir-residenti jingħataw opportunitajiet' ta' tagħlim kontinwu fir-Reġjun jew Lokalità' tagħhom. Hawn spjegat li dawn il-korsijiet huma ta' livell bażiku jew inkella jwasslu għall-kwalifika fl-ewwel u t-tieni livell fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki (M.Q.F. Level 1 and 2) filwaqt li huma immirati għall-adulti 'l fuq minn ħmistax-il sena mingħajr distinzjoni, inkluż residenti barranin li jgħixu Malta. Għalhekk qed tipproponi li bħal snin preċedenti il-kunsill għandu japplika għal suġġetti tal-Malti flimkien ma'Malti bħala lingwa għal barrani u l-Ingliż

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

38.5.06 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar ix-xogħol li qed ssir fil-proġett tal-promenade go Xatt ta'Xbiex l-Imsida fejn spjega li filwaqt li din il-parti se tkun qed ssir mill-ġdid il-parti ta'fejn jieqaf il-proġett fil-bidu ta'Misraħ San-Guzepp sal-ġostra se jibqa' l-stess u jkun jidher antik u jistona mal-kumplament, għalhekk qed jipproponi biex ssir kull sforz biex possibbilment b'ftehim ma' l-GHRC jew entitajiet oħra biex jinkisbu fondi ħalli dan ssir u jkun uniformi mal-kumplament tal-proġett.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

38.5.07 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar bosta inkonvenjenzi ta'storbju go pjazza Victor Denaro fejn spjega li dan qed ikun kawżat min nies li qed jinġabru jixorbu jew oħrajn homeless u talab biex ssir pressjoni mal-pulizija għal aktar rondi

38.5.08 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-kartolina għal anzjani f'għeluq is-snin tagħhom fejn spjega li filwaqt li din hija inizjattiva tajba ma'tagħmilx sens li din tasal għand x'uħud wara li tkun għaddiet il-ġurnata tagħhom u talab biex min hu nkarigat jieħu ħsieb li dawn jintbagħatu qabel.

Is-Sinjura Romina Galea wieġbet li dan mhux dejjem ikun possibbli fejn spjegat li dawn fihom ħafna xogħol u għalhekk taqsamhom iżda ġieli jkun hemm ukoll affarijiet oħra li minħabba fihom mhux dejjem tkun tista' tlaħħaq.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota biex jara x'jista' ssir.

38.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar nuqqas ta'knis go Triq L-Zahmenhoff u Ta'Xmiexi fejn spjega li qed ikun aviċinat mir-residenti li l-kennies ilu ma'jidher hmistax il-gurnata.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dwar is-suġġett tal-knis, il-kwalità u l-skeda fejn ssemmew ukoll kunsiderazzjonijiet biex il-kunsill ma'jħallasx jew iżomm il-pagament sakemm il-kuntrattur jirranġa dawn in-nuqqasijiet.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn huwa nfurmat fl- aħħar ġranet ma'wasal l-ebda llmenta il-kunsill dwar dawn it-toroq iżda waslu bosta llmenta fuq toroq oħra fejn il-kuntrattur qed jintalab biex jieħu azzjoni. Għalhekk se jieħu nota biex jivverifika ma'tracking u jmexxi minn hemm..

38.5.10 Is-Sur Maurice Agius ippropona biex il-kunsill jikkunsidra li ssir bust f'ġieh il-professur Rizzo Naudi.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għal kemm jagħraf li l-persuna kienet membru prominenti fil-komunità ma' jaqbilx li għandu ssir bust mal-ewwel.

Is--Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li sa fejn tiftakar l-kunsill kien għamel il-pedestall ta'tabib Naudi iżda il-bust sar minn ġabra minn għand in-nies u ħareġ ammont ukoll il-kumitat lokali tal-każin laburista filwaqt li mhux ċerta dwar dak ta'Johnny Catania ħlief li kien hemm xi multa ta'100 lira Maltin minħabba li sar fil-post mingħajr il-permess tal-MEPA.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew numru ta'ideat li jistgħu jkunu kunsidrati aktar il-quddiem fosthom wieħed komuni b'ismijiet ta'membri prominenti fil-komunità tal-Imsida.

38.5.11 Is-SurNicholas.J.Chirkop tkellem dwar programm ta'attivitajiet sportivi fil-pjazza għal matul is-sajf fejn ippropona li bħal is-sena preċedenti ssir il-Yoga u Zumba
Is-Sur Charles Selvaggi ssuġġerixxa li biex tittieħed kunsiderazzjoni għal attivitajiet oħra bħal line dancing biex il-kunsill jespandi l-programm.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

38.5.12 Is-Sur Nicholas.J.Chirkop talab biex il-kunsill jikkunsidra li ssir outdoor gym go Triq Dun Anton Abela biex ir-resident jkun inkuraġġit jagħmel eżerċizzji fiżiċi u jieħu ħsieb saħħtu.
Saret diskussjoni dwar x'jista' ssir jew x'jista' jkun ta'inkonvenjent fejn is-Sur Maurice Agius ippropona li l-kunsill għandu jistaqsi lir-residenti konċernati għal opinjoni tagħhom dwar din it-talba.
Il-kunsilliera presenti qablu unanimament mal-proposta tas-Sur Maurice Agius.

38.5.13 B'referenza għal-minuti 37.4.12 dwar PA/00886/20 , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda pjanta b'disinn li l-Kunsill se jipproponi lill min qed jieħu ħsieb l-żvilupp tal-pjazza go Triq l-Għeriebel u tkellmet dwar id-dettalji.

Waqt id-diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti s-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli li jkun inkluż element ta'ilma bħal ma'hemm go pjazza San Gorg il-Belt.
Is-Sur Emanuel Brincat ħa nota filwaqt li ppropona ukoll li l-kunsill għandu jipprova jassigura ftehim ta'manutenzjoni mal-iżviluppatur. Hawn kompla jispjega u jwieġeb għal mistoqsijiet dwar id-disinn, li ġie approvat unanimament.

**38.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

38.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppja tal-1st Qtr: Financial indicators mill l-1 ta'Jannar sal- 31 ta'Marzu 2022.
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante ingħaqdet f'seduta online minħabba li ma'setgħetx tattendi fiżikament fejn waslet tagħrif dwar il-kontenut tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 68% u għamlet spjegazzjoni fid-dettalji ta'dħul mqabbel mal-ħruġ u dwar il-bilanċ li ġie mwarrab f'riserva. Dan l-ammont fir-riserva kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja li se tagħmel tajjeb għal problema ta' cash flow meta ssir ħlas għal proġetti li hemm pjanata u finanzjati minn fondi lokali fosthom l-estensjoni fil-bini amministrattiv tal-kunsill.
Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-ammont li qed jidher taħt hospitality u staqsa jekk dan għandux x'jaqsam ma' safar jew attivitajiet relatat mal-proġetti tal-EU – Europe for Citizens u f'hiex jikkonsisti.
Is-Sindku wieġbet li l-spejjez relatati mal-proġett msemmi żgur ma'jwasslux għal dan l-ammont fejn spjegat li kull ma' kien hemm huma spejjez għal stands tal-bnadar u tifkiriet li ntużaw għal din l-okażjoni u jistgħu jkunu wżati f'okażjonijiet oħra li jista' jkun hemm il'quddiem. Hawn spjegat li meta kien hawn id-delegati, l-ispejjez kienu għal kiri tal-post fejn saru l-konferenzi u ghal-coffee break. Ma dawn kien hemm ftit tnaqqir u xorb ta' Malta meta żaru l-uffiċji tal-kunsill u dan kollu kien ta' ftit mijiet u mhux l-ammont li qed jidher. Għalhekk talbet lill accountant biex tagħti id-dettalji kif dan il-bilanċ huwa maqsum.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante wieġbet li se tibgħat id-dettalji dwar il-kontenut tal-bilanċi taħt din is-sezzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li se jivverifika dan il-bilanċ u ma' jeskludix li jista' jkun hemm xi ammonti li ma'jagħmlux ma' dan l-indiċi. Għalhekk se jgħaddi dawn id-dettalji aktar il-quddiem u fejn hemm bżonn issir reviżjoni biex ir-rapport emendat jingħadda f'seduta li jmiss.
Il-Kunsilliera preżent approvaw..

**38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

38.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-38 ta' ħlasijiet bejn 30 ta'Marzu sa 26 ta'April 2022 .
Saru xi mistoqsijiet dwar x'se jagħmel il-kunsill għal dak diskuss aktar qabel dwar il-kuntratt tal-knis.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jekk il-kunsilliera preżenti jaqblu skond dak li ddiskutew aktar qabel (38.5.09) li dan il-pagament ma'għandux ssir jistgħu jieħdu deċiżjoni biex il pagament ikun iffriżat u dan hekk se jsir.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament li dan il-pagament ikun iffriżat sakemm il-kuntrattur jirrimedja.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw il-kumplament tal-iskeda.

**38.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

38.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 24 ta'Mejju 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 24 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |